MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2015

Numru. 7/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Carmel Azzopardi**

Numru 7/2007

Illum 13 ta' Mejju 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Carmel Azzopardi**, ta' disgha u erbghin (49) sena, bin France Xavier u Theresa neé Cassar, imwieled Xewkija, Ghawdex nhar it-3 ta'

Dicembru 1958, residenti fil-fond St. Theodora, Xewkija, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 61458(G), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Marzu 2007 gewwa Tac-Cawla, Triq Sannat, Rabat, Ghawdex, ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghaxija (22:30):

1. volontarjament gharraq il-hwejjeg ta' Franco Azzopardi, liema hsara hija ta' aktar minn hamsin lira (Lm50.00)[1], izda anqas minn elf lira (Lm1,000.00)[2].

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "JM" – *a fol.* 9).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' April 2014 moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim'Imhallef (*a fol.* 101).

Rat id-digriet moghti minn il-Qorti kif preseduta fil-5 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 104).

Rat illi, fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 106), il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti

[1] ekwivalenti ghal mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

[2] ekwivalenti ghal elfejn, tlitt mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37).

kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2015, is-sottomissjonijiet finali *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 108 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-3 ta' Frar 2015, is-sottomissjonijiet finali ulterjuri *da parte* tad-difiza (*a fol.* 111).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2007, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Josric Mifsud** (*a fol.* 7 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu ta' dak li kien infurmah bih Surgent fejn l-imputat kien allegatament kisser hgiega ta' vettura waqt li din kienet ipparkjata. Jghid li l-imputat kien cahad li hu ghamel hekk. Jixhed li l-parti leza (li jigi t-tifel tal-imputat) qallu li ra lill-missieru l-imputat ikisser il-hgiega in kwistjoni. Ezebixxa zewg dokumenti rigward il-kwotazzjoni tal-ispejjez liema dokumenti gew immarkati bhala Dok. "JM 1" u "JM 2" (*a fol.* 10 u 11).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li mill-investigazzjonijiet li saru rrizulta li l-hgiega nkissret permezz ta' gebla li spiccat gol-vettura. Ma

jafx jekk din il-gebla gietx elevata. Jghid li ma ttiehdu l-ebda *fingerprints*.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2007, xehed ukoll **PS 1377 Emanuel Cilia** (*a fol.* 16 *et seq.*) rigward ir-rapport li rcieva mill-parti leza fit-2 ta' Marzu 2007 fejn irraporta li kien fir-residenza ta' ommu u ghall-habta tal-10.30pm sema hoss ta' sparatura u hekk kif hareg fil-gallarija ra lill-missieru l-imputat jixhet gebla fid-direzzjoni tal-vettura tieghu (tal-parti leza) bin-numru ta' registrazzjoni CIC 026 u li l-imputat harab minn fuq il-post. Ezebixxa l-okkorrenza redatta minnu, liema okkorrenza giet immarkata bhala Dok. "JM 5" (*a fol.* 19 *et seq.*). Jghid li kellem lill-imputat li qallu li wara s-7.30pm ma harigx mid-dar fejn joqghod u li qallu li kien rieqed meta gie allegat li huwa ghamel il-hsara.

In kontro-ezami jghid li huwa ra gebla mdaqqsa fuq is-*seat* ta' wara tal-vettura. Jghid li l-gebla ma gietx elevata u li minn fuq gebla ma jistghux jittiehdu *finger-prints*. Jixhed li l-hsara kienet fil-*windscreen* ta' quddiem kif ukoll fil-*windscreen* ta' wara u wiehed minnhom kien mifqugh. Jghid li tela' fil-gallarija minn fejn il-parti leza qallu li hareg, minn liema gallarija jghid li l-vettura kienet tidher sewwa. Jghid li fit-triq kien hemm biss id-dawl tat-triq.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2007, xehed ukoll **Franco Azzopardi** (*a fol.* 23 *et seq.*) fejn qal li l-imputat huwa missieru u li dakinhar tal-akkadut kellu l-vettura pparkjata taht il-gallarija ezatt. Jghid li sema' hoss li hasbu tir ta' senter u kif mar biex jiftah il-bieb tal-gallarija, sema' hoss iehor u hekk kif ittawwal ra lill-missieru jitfa' gebla fuq il-vettura tieghu u rah jahrab. Jghid li mieghu kien hemm ohtu Maronia, ommu, u nanntu.

Jghid li ohtu harget mieghu fil-gallarija u ommu harget mill-gallarija ta' quddiem. Ipprezenta numru ta' ritratti li gew immarkati bhala Dok. "JM 6" (*a fol.* 25) u enumerati bin-numri wiehed (1) sa hamsa (5), f'liema ritratti jghid li jidhru l-*windscreens* ta' quddiem u ta' wara mkissra. Jghid li f'ritratt numu (5) tidher il-gebla fuq is-*seat* ta' wara flimkien ma' xi hgieg. Jixhed li l-hsara giet imsewwija u ezebixxa rcevuta tal-hsarat li giet immarkata bhala Dok. "JM 7" (*a fol.* 26).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2007, xehdet ukoll **Miriam Azzopardi** (*a fol.* 27) fejn qalet li l-imputat huwa zewgha u li dakinhar tal-akkadut hi u ommha kienu go kamra u t-tfal taghha Franco u Maronia kienu f'kamra ohra. Tghid li semghet daqqa ta' xi oggett u ftit wara semghet daqqa ohra. Tghid li l-vettura ta' binha Franco kienet ipparkjata taht il-gallarija. Tixhed li harget mill-gallarija tal-kamra taghha u rat lill-imputat ghaddej. Tghid li minn fejn harget hi ma setghetx tara l-vettura tat-tifel ghax din kienet tidher biss mill-gallarija li hargu minnha t-tfal taghha. Tghid li kien hemm dlam cappa pero tiftakar li rat lill-imputat ghaddej.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2007, xehdet ukoll **Maronia Azzopardi** (*a fol.* 28 *et seq.*) fejn qalet li l-imputat huwa missierha. Tghid li dakinhar tal-akkadut kienet fil-kamra ta' huha flimkien ma' huha u semghet hoss kbir qisu tir ta' senter. Tixhed li l-ewwel hareg huha mill-gallarija u wara harget hi u rat lill-missierha jitlaq jigri u jikser ma' l-ewwel kantuniera. Tghid li kien hemm okkazzjonijiet ohra fejn kienu gew molestati minn missierhom u li qabel dan l-incident missierha kien ilu jhedded illi kien ser ikisser il-vettura ta' huha.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2007, xehed ukoll **Ronald Xuereb** (*a fol.* 31) fejn filwaqt li kkonferma li Dok. "JM 7" (*a fol.* 26) hija rcevuta li giet rilaxxata mid-ditta gestita minnu *J&R Auto Parts*, jghid li huwa ma rax il-*windscreens* imkissrin.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2007, xehed ukoll **Raymond Buttigieg** (*a fol.* 32 *et seq.*) fejn xehed li l-parti leza kien mar ghandu u li kien biddillu l-*windscreen* ta' quddiem u ta' wara tal-vettura tieghu. Jghid li nehha l-*windscreens* mkissra u wahhal il-godda. Jixhed li z-zewg *windscreens* kellhom toqba go nofshom. Ikkonferma rcevuta mmarkata bhala Dok. "JM 1" (*a fol.* 11).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2008, xehed l-imputat **Carmel Azzopardi** (*a fol.* 40) fejn qal li fil-lejl ta' bejn it-2 u 3 ta' Marzu huwa kien qieghed fir-residenza ta' huh Tarcisio fejn fil-fatt huwa (l-imputat) jirrisjedi. Jghid li dahal id-dar fis-7.00pm u hareg minn hemm ghall-habta tat-8.00am peress li baghat ghalih l-iSpettur. Jghid li l-parti leza huwa ibnu u kien huwa (l-imputat) li xtralu l-vettura ghall prezz ta' tmint'elef lira. Jichad li kkaguna xi hsara fuq il-vettura ta' ibnu.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2008, xehed ukoll **Tarcisio Azzopardi** (*a fol.* 41) fejn qal li l-imputat huwa huh u li jghix mieghu. Jghid li fil-lejl bejn it-2 u t-3 ta' Marzu kien qed jilghab it-tombla u rritorna lura d-dar ghall-habta tal-11.00pm. Jghid li ghal dak il-hin, x'hin kien ser jidhol jorqod marru zewg Pulizija u staqsewh ghal huh. Jghid li meta fetah lill-Pulizija, huh kien rieqed fis-sodda. Jixhed li meta l-Pulizija qalu lill-imputat li ibnu allega li hu kissirlu l-vettura, l-imputat qalilhom li hu kien rieqed.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2010, xehed **Dr. Joseph Spiteri** (*a fol.* 52 *et seq.*) fejn spjega li huwa ezamina lill-imputat diversi drabi kemm f'Ghawdex u kif ukoll f'Malta. Jiddeskrivi lill-imputat bhala persuna b'hafna problemi fosthom problema ta' alkohol u problemi ta' personalita' u ta' relazzjonijiet. Spjega dak li ghadda minnu l-imputat u kif ukoll il-fatt li l-problema tal-alkohol kienet ilha ghal aktar minn ghoxrin sena u li din tikkawza dizordni kemm fil-personalita' u kif ukoll tikkawza element ta' *disinhibition* meta jkun hemm intossikazzjoni u jaghti spjegazzjonijiet. Jghid li minkejja li kienu gew preskritti *anti-depressants*, l-imputat qatt ma hadhom u minkejja li kien dahal ghal *rehabilitation*, kien ghamel ftit granet u telaq. Jghid li l-imputat ghandu problema serja tal-alkohol u li r-reat in kwistjoni kien relatat maz-zmien fejn kien qed jixrob kwantita' qawwija. Mistoqsi mill-Qorti x'tip ta' kura jista' jinghata l-imputat, jghid li jidhirlu li s-Sedqa toffri ghajnuna ta' gruppi u li anke l-Oasi toffri ghajnuna fuq problemi ta' xorb. Jghid: *"nahseb li l-iktar haga li hija importanti hija li jkun hemm xi hadd li qed jissorveljah regolari ghaliex hu juri commitment illi imbaghad il-commitment jisfaxxa"* (*a fol.* 53). Jghid: *"l-intenzjonijiet ikunu tajbin u jisfaxxaw u dik hija l-hajja tieghu. [...] hemm il-miskin ghax garrab, pero min-naha l-ohra r-realtà huwa li l-konsegwenzi huma li jaghmel dawn ir-reati"* (*a fol.* 53). Jghid: *"li jkun hemm sorveljanza stretta hija importanti"* (*a fol.* 53). Ezebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "JS" (*a fol.* 55 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2012, xehed **Dr. Joseph Vella Baldacchino** (*a fol.* 79 *et seq.*) fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JVB" (*a fol.* 81 *et seq.*). Jghid: *"fil-prezent mhu qed ibati minn ebda disturb psikjatriku li jaffetwalu l-kapacità di intendere di volere; certi fatturi psiko-socjali setghu jwassluh biex jinfexx f'xorb eccessiv; qed nalludi ghal meta kellu dan l-istress factor u anke t-tfal ma baqghux ikellmuh, it-tfal huma kbar, ghandhom certa età; marru m'ommhom, ma riedux ikellmuh, u anke*

*wara gara li meta mar jghix fid-dar originali t'ommu ma' huh, dan sab xi partner huh, u wkoll regghu tefghuh 'l barra. Allura spicca qisu dejjem rejected minn kulhadd. [...] Kif ghidt, certu fatturi waslu biex ikun hemm iktar xorb eccessiv, imbaghad jaffettwalu l-inibizzjonijiet fil-komportament tieghu. Ma jidher li kien hemm l-ebda differenza fil-pattern tal-komportament bejn issa – qed nghid fl-ahhar sena – u z-zmien ta' qabel jigifieri fiz-zmien tal-allegat reat, ta' meta gie akkuzat"* (*a fol.* 80).

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat li ghamel hsara volontarja fuq il-vettura ta' ibnu Franco Azzopardi. Il-Qorti semghet li l-imputat Azzopardi iu martu ma kienux jghixu taht l-istess saqaf u li t-tfal taghhom kienu joqghodu ma' ommhom. Mal-mara tal-imputat u t-tfal tieghu kienet toqghod ukoll omm il-mara tal-imputat. Il-hsara li l-imputat qed jigi akkuzat li wettaq kienet tikkonsisti fi hsara fuq zewg *windscreens* tal-vettura ta' Franco Azzopardi liema hsara sehhet b'gebla. Da parte tieghu, l-imputat jichad li huwa wettaq ir-reat tant li jghid li fil-hin li allegatament wettaq ir-reat huwa kien id-dar rieqed.

Illi, minkejja dak li jghid l-imputat, il-Qorti jirrizultalha li fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Marzu 2007 effettivament kien l-imputat li ghamel il-hsara fil-vettura ta' ibnu Franco Azzopardi liema hsara saret b'gebla. Il-Qorti semghet kif tul il-lejl in kwistjoni nstemghu zewg hsejjes kbar u li bil-konsegwenza ta' l-ewwel hoss, mart l-imputat u t-tfal taghha hargu jittawwlu minn gallariji differenti.

Illi l-Qorti jirrizultalha li kien l-imputat li ghamel il-hsara fil-vettura ta' ibnu peress li mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti:

- Il-parti leza Franco Azzopardi (*a fol.* 23 *et seq.*) spjega li ra lill-missieru jitfa' gebla fuq il-vettura tieghu u rah jahrab.

- Mart l-imputat, Miriam Azzopardi (*a fol.* 27), spjegat kif meta harget mill-gallarija tal-kamra taghha rat lill-imputat ghaddej.

- Bint l-imputat, Maronia Azzopardi (*a fol.* 28 *et seq.*), xehdet kif meta harget mill-gallarija rat lil missierha jitlaq jigri u jikser ma' l-ewwel kantuniera.

- PS 1377 Emanuel Cilia (*a fol.* 16 *et seq.*) spjega li meta huwa hareg mill-gallarija minn fejn il-parti leza qallu li hareg, il-vettura tal-parte leza setghet tidher sewwa.

- Id-depozizzjoni moghtija minn Tarcisio Azzopardi (*a fol.* 41) ma tantx kienet ta' ghajnuna *stante* li fil-hin li sehh ir-reat *de quo* Tarcisio Azzpardi kien qed jilghab it-tombla u ma rrizultax li kien jaf fejn kien huh l-imputat.

Illi, fir-rigward tal-hsarat sofferti mill-parti leza, il-Qorti tinnota li fl-atti processwali l-ewwel gew ezebiti zewg stimi tal-ispejjez (Dok. "JM 1" u "JM 2" – *a fol.* 10 u 11) u aktar tard il-parti leza Franco Azzopardi xehed li l-hsara giet imsewwija u ezebixxa rcevuta tal-hsarat li giet immarkata bhala Dok. "JM 7" (*a fol.* 26). Din l-ircevuta giet konfermata bil-gurament minn Ronald Xuereb (*a fol.* 31), rapprezentant ta' *J&R Auto Parts*. L-ammont indikat f'ricevuta Dok. "JM 7" (*a fol.* 26) huwa dak ta' Lm277.20[3].

[3] ekwivalenti ghal sitt mija u hamsa u erbghin Euro u sebghin centezmu (€645.70).

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat (Dok. "JM 4" – *a fol.* 13 *et seq.*), dak li xehdu Dr. Joseph Spiteri (*a fol.* 52 *et seq.*) u Dr. Joseph Vella Baldacchino (*a fol.* 79 *et seq.*) u r-rapporti taghhom (Dok. "JS" u "JVB" – *a fol.* 55 *et seq.* u *a fol.* 81 *et seq.*) minn fejn jirrizulta, fost affarijiet ohra, li l-imputat kellu problema relatata max-xorb. Tenut kont ta' dak kollu li jirrizulta mid-depozizzjonijiet moghtija minn Dr. Joseph Spiteri u Dr. Joseph Vella Baldacchino u tenut kont tar-rapporti taghhom, il-Qorti mhijiex tal-fehma li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva jew wahda ta' prigunerija sospiza fil-konfront tal-imputat izda hija tal-fehma li ghandu jigi applikat l-Artikolu 7 tal-Kaputolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-imputat jinghata cans li permezz tieghu jaghraf li dak li ghamel huwa hazin u jaghraf ma jergghax jirrepetih altrimenti jkun hemm konsegwenzi serji. L-imputat ser ikun obbligat li jattendi kors rigward id-dipendenza tieghu fuq l-alkohol u kif ukoll ser jinghata ordni biex ihallas lill-parti leza l-hsara li huwa kkagunalu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Carmel Azzopardi hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Carmel Azzopardi taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' sentejn mil-lum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Carmel Azzopardi bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet <u>kollha</u> elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Carmel Azzopardi.

Finalment, b’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien tlitt (3) xhur millum ihallas is-somma ta’ tlitt mija u tlieta u tmenin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€383.29) liema somma tirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.[4]

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[4] Dr. Joseph Spiteri (€210.00 (*a fol.* 62 *tergo*) u Dr. Joseph Vella Baldacchino (€173.29) (*a fol.* 88 *tergo*).